**MALTA**

**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Magistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 181/06VG**

**Bernard Schranz**

**Vs**

**Paul Azzopardi u Bernardette Azzopardi**

**Illum 30 ta' Mejju 2016**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat minn Bernard Schranz fis-27 ta' Gunju 2006 permezz ta' liema jitlob li Paul Azzopardi u Bernardette Azzopardi jigu ikkundannati jhallsuh: (a) is-somma ta' sitt mitt Lira Maltija (Lm600), illum ekwivalenti ghal €1,397.62, dovuta lilu bhala refuzjoni ta' prezz ghal xoghol ta' aperturi ta' l-injam liema aperturi ma gewx konsenjati lilu minkejja li ghadda iz-zmien patwit tal-konsenja u minkejja li gew interpellati biex jikkonsenjaw l-istess apeturi permezz ta' ittra ufficjali; u (b) is-somma li tigi likwidata mill-Qorti, liema somma ma tecceddix l-erbat elef u erba' mitt Lira Maltija (Lm4,400), illum ekwivalenti ghal €10,249.24, rapprezentanti danni li huwa sofra htija taghhom minhabba inadempjenza kontrattwali da parte taghhom fin-nuqqas ta' konsenja ta' l-aperturi fiz-zmien pattwit; bl-imghax legali dekoribbli sad-data ta' l-effettiv pagament u bl-ispejjez kontra Paul Azzopardi u Bernardette Azzopardi;

Rat ir-Risposta ta' Paul Azzopardi u Bernardette Azzopardi permezz ta' liema jeccepixxu li: (i) qabel xejn, il-konvenuta Bernardette Azzopardi ma ghandha l-ebda *locus standi* u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju. Hija giet inkluza biss ghal ragunijiet vessatorji; (ii) fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-attur ma kellu l-ebda raguni valida sabiex jittermina l-appalt; (iii) fi kwalunkwe kaz u dejjem bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet già moghtija, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-istess attur kien ukoll irrinunzja ghal kwalunkwe dritt u/jew pretensjoni illi kellu jew seta' kellu rigwardanti l-appalt; (iv) fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti, it-talbiet attrici huma eccessivi, mhux reali u fuq kollox vessatorji;

Semghet ix-xhieda moghtija mill-attur waqt is-seduti tas-7 ta' Marzu 2007[1], tal-21 ta' Marzu 2007[2], tat-28 ta' Frar 2008[3], tal-5 ta' Gunju 2008[4] u tas-7 ta' Ottubru 2008[5] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "BS1" sa' Dok. "BS40" permezz ta' Nota pprezentata fit-3 ta' April 2007 a fol. 20 sa' 60 tal-process, semghet ix-xhieda tal-konvenut moghtija waqt is-seduti tal-21 ta' Marzu 2007[6] u tas-17 ta' Jannar 2008[7] u rat l-affidavit tieghu esebit permezz ta' Nota pprezentata fil-21 ta' Mejju 2009 a fol. 107 sa' 111 tal-process, rat l-affidavit ta' Martin Fenech esebit mill-attur permezz ta' Nota pprezentata fl-24 ta' April 2007 a fol. 64 sa' 66 tal-process, semghet ix-xhieda ta' Charles Ciappara[8] u ta' Tonio Pace[9] moghtija waqt is-seduta ta' l-14 ta' Gunju 2007, semghet ix-xhieda ta' Noel Bugeja moghtija waqt is-seduta tat-30 ta' Mejju 2011[10] u semghet ix-xhieda tal-Prokuratur Legali Lucy Bonello moghtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Ottubru 2011[11];

Rat li l-attur kellu jipprezenta Nota ta' Sottomissjonijiet tieghu sas-16 ta' Marzu 2012, liema terminu in segwitu gie estiz sal-31 ta' Lulju 2012 u rat li l-konvenut kellu jipprezenta in-Nota Responsiva tieghu sad-29 ta' Settembru 2012;

Rat li l-attur baqa' ma pprezenta l-ebda Nota ta' Sottomissjonijiet u l-konvenut ipprezenta Nota ta' Sottomissjonijiet fit-8 ta' Marzu 2013;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni l-attur jitlob li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsuh: (a) is-somma ta' Lm600, illum ekwivalenti ghal €1,397.62, dovuta lilu bhala refuzjoni ta' prezz ghal xoghol ta' aperturi ta' l-injam liema aperturi ma gewx konsenjati lilu minkejja li ghadda z-zmien patwit tal-konsenja u minkejja li gew interpellati biex jikkonsenjaw l-istess apeturi permezz ta' ittra ufficjali; u (b) is-somma li tigi likwidata mill-Qorti, liema somma ma tecceddix Lm4,400, illum ekwivalenti ghal €10,249.24, rapprezentanti danni li huwa sofra htija taghhom minhabba inadempjenza kontrattwali da parte taghhom fin-nuqqas ta' konsenja ta' l-aperturi fiz-zmien pattwit.

Il-konvenuti jilqaghu ghat-talbiet attrici bis-segwenti eccezzjonijiet: (i) qabel xejn, il-konvenuta Bernardette Azzopardi ma ghandha l-ebda *locus standi* u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju. Hija giet inkluza biss ghal ragunijiet vessatorji; (ii) fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-attur ma kellu l-ebda raguni valida sabiex jittermina l-appalt; (iii) fi kwalunkwe kaz u dejjem bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet già moghtija, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt

[1] Fol. 13 sa' 15 tal-process.
[2] Fol. 17 u 18 tal-process.
[3] Fol. 83 sa' 87 tal-process.
[4] Fol. 89 sa' 100 tal-process.
[5] Fol. 102 u 103 tal-process.
[6] Fol. 19 tal-process.
[7] Fol. 78 sa' 80 tal-process.
[8] Fol. 74 tal-process.
[9] Fol. 75 tal-process.
[10] Fol. 129 u 130 tal-process.
[11] Fol. 135 u 136 tal-process.

u fid-dritt stante li l-istess attur kien ukoll irrinunzja ghal kwalunkwe dritt u/jew pretensjoni illi kellu jew seta' kellu rigwardanti l-appalt; (iv) fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti, it-talbiet attrici huma eccessivi, mhux reali u fuq kollox vessatorji.

Mill-atti processwali u mill-provi prodotti essenzjalment jirrizulta li l-attur kien inkariga lill-konvenut, li huwa mastrudaxxa, biex jaghmillu xoghol ta' l-injam fil-fond proprjetà tieghu f'Nru.40, Triq Vittorio Cassar, Birkirkara, konsistenti f'hamest itwieqi u erba' bibien[12]. Ghal tali xoghol il-konvenut kien hareg stima fl-ammont ta' Lm1,335 li minnhom l-attur hallas bhala depozitu s-somma ta' Lm600[13]. Huma kienu ftehmu verbalment li tali xoghol kellu jitlesta entro perijodu determinat, madwar xahrejn jew tlieta mill-ghoti ta' l-inkarigu, izda tali xoghol, b'ammissjoni tal-konvenut stess, baqa' ma tlestiex, u dana lanqas wara li gie interpellat mill-attur permezz ta' ittra ufficjali[14]. Tul il-kors tar-relazzjoni kontrattwali bejn l-attur u l-konvenut, l-attur ikkummissjona lill-konvenut biex jaghmillu xi xoghol addizzjonali oltre dak originarjament ordnat, liema xoghol però ukoll baqa' ma tlestiex kompletament u b'hekk ma setghax jigi installat[15]. Wara trapass ta' zmien apprezzabbli l-attur iddecieda li ma setghax ikompli jistenna lill-konvenut jesegwixxi l-appalt moghti lilu u ghalhekk qata' l-kuntatti mieghu w ittermina ir-relazzjoni kontrattwali ta' bejniethom, fatt dan ammess mill-istess konvenut[16]. In segwitu ghad-decizjoni li jittermina r-relazzjoni kontrattwali mal-konvenut l-attur istitwixxa l-proceduri odjerni ghar-refuzjoni tas-somma ta' Lm600 li kien hallas akkont tal-valur tax-xoghol li kellu jigi esegwit u ghad-danni li jikkontendi li sofra minhabba l-inadempjenza tal-konvenut fl-esekuzzjoni ta' l-appalt.

L-attur effettivament istitwixa l-proceduri odjerni fil-konfront ta' Paul Azzopardi **u** ta' martu Bernardette Azzopardi. Il-konvenuti jeccepixxu però li Bernardette Azzopardi ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante li ma ghandhiex *locus standi* f'dawn il-proceduri u ghaliex, skonthom, hija giet imharrka semplicement ghal ragunijiet vessatorji. Fir-rigward il-konvenuti jikkontendu li *jirrizulta bl-aktar mod car illi ma sar l-ebda ftehim ma' mart l-esponenti. Imkien fl-atti ma tissemma' li hadet xi ordni, ahseb u ara kemm din setghet tikkonsenja jew tersaq sabiex taghmel tajjeb ghal dak li qed jippretendi l-attur. Fir-realtà kien biss l-esponenti illi ha l-ordni tax-xoghol u mart l-esponenti hija ghal kollox estraneja – l-unika raguni ghalfejn din iddahhlet fil-kawza bhala konvenuta kien biss ghal skop vessatorju*[17]. Fil-fehma tal-Qorti però tali sottomissjoni u konsegwenti eccezzjoni tal-konvenuti huma guridikament zbaljati u bhala tali ma jistghux jigu milqugha.

Jibda biex jigi osservat li ghalkemm a tenur ta' l-Artikolu 1324 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta *atti normali ta' gestjoni ta' kummerc, negozju jew professjoni li jkunu qed jigu ezercitati minn parti wahda biss mill-mizzewgin, ikunu vestiti biss f'dik il-parti li fil-fatt tkun qed tezercita dak il-kummerc, negozju jew professjoni anke fejn dawk l-atti kieku ma kienux maghmula in relazzjoni ma' dik is-sengha, negozju jew*

[12] Xhieda moghtija mill-attur waqt is-seduta tas-7 ta' Marzu 2007, fol. 13 sa' 15 tal-process.
[13] Dok. "PA2" anness ma' l-affidavit tal-konvenut, fol. 111 tal-process.
[14] Xhieda moghtija mill-attur waqt is-seduta tas-7 ta' Marzu 2007, fol. 13 sa' 15 tal-process u xhieda moghtija mill-konvenut waqt is-seduta tas-17 ta' Jannar 2008, fol. 78 sa' 80 tal-process.
[15] Xhieda moghtija mill-attur waqt is-seduta tas-7 ta' Marzu 2007, fol. 13 sa' 15 tal-process u xhieda moghtija mill-konvenut waqt is-seduta tas-17 ta' Jannar 2008, fol. 78 sa' 80 tal-process.
[16] Xhieda moghtija mill-attur waqt is-seduta tas-7 ta' Ottubru 2008, fol. 102 u 103 tal-process u tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenut.
[17] Nota ta' Sottomissjonijiet tal-konvenuti.

*professjoni kienu jikkostitwixxu amministrazzjoni straordinarja,* b'daqshekk ma jfissirx illi l-komunjoni ta' l-akkwisti vigenti bejn il-konjugi tkun ezonerata minn kull responsabilità versu it-terz kreditur.

Fir-rigward issir referenza ghal dak osservat mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza fl-ismijiet **Three Barrels Limited v. Joan Schembri et, Citaz. Nru. 553/99** deciza fis-17 ta' Jannar 2013: *bl-artikolu 1324 tal-Kap.16, ghalhekk, il-komunjoni tintrabat fil-konfront tat-terz, anke meta att straordinarju jsir minn konsort wiehed biss, basta li jkun att "normali ta' gestjoni ta' kummerc". (Vide wkoll Claudette Gauci v. Paolo Bonnici Limited et, PA per Imhallef Tonio Mallia deciza fid-9 ta' Ottubru 2003). F'tali kaz it-terz kreditur jista' idur fuq l-assi tal-komunjoni u, in subordine, jdur fuq il-beni personali ta' dak biss fost il-konjugi li ghamel in-negozju w indahal fir-responsabilità kontrattwali diretta. Il-mara, il-konvenuta f'din il-kawza, hija responsabbli sal-konkorrenza ta' sehemha mill-komunjoni ta' l-akkwisti. ... Ghalhekk u fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet jircievi applikabilità d-dispost ta' l-Artikolu 1324 ghall-kaz odjern li ghandha tikkonduci biex jigi ritenut illi fil-kaz ta' l-obbligazzjoni assunta mill-konvenut Martin Schembri u li ghandha karattur negozjali u mhux personali ghandha twiegeb il-komunjoni ta' l-akkwisti u, konsegwentement, ukoll il-konvenuta Joan Schembri izda limitatament ghall-sehemha mill-assi tal-komunjoni.*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Claudette Gauci v. Paolo Bonnici Limited et, Citaz. Nru. 14/02** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Ottubru 2003, citata fil-precitata sentenza **Three Barrels Limited v. Joan Schembri et**, gie osservat illi: *l-iskop ta' l-artikolu 1324 hu intiz biex, fil-konfront ta' terz, il-komunjoni tintrabat anke meta att straordinarju jsir minn konsorti wiehed biss, basta li jkun att 'normali' ta' gestjoni ta' kummerc. It-terz, allura, ma jkollux ghalfejn, kull darba, li jinnegozja ma' konsorti jitlob li dan ta' l-ahhar igib il-parti l-ohra mieghu, ghax jaf li, bil-firma ta' parti wahda, xorta wahda jkun kopert. Dan johrog car ukoll minn ezami ta' l-artikolu 1330 tal-Kodici Civili. Dan l-artikolu jghid li meta l-beni tal-komunjoni ta' l-akkwisti ma jkunux bizzejjed biex jithallsu d-djun li jkunu piz fuqhom, il-kredituri ta' dik il-komunjoni jistghu jinforzaw it-talba taghhom in subsidium kontra l-beni parafernali tal-mizzewgin b'dan però li jekk id-dejn in kwistjoni (u hawn qed nitkellmu fuq djun tal-komunjoni) jinholoq mill-ezercizzju ta' negozju kif imsemmi fl-artikolu 1324, allura l-kredituri jistghu jinfurzaw dak id-dejn in subsidium fuq l-assi parafernali biss tal-parti li holoq dak id-dejn. Dan l-artikolu jikkonferma, u fil-fatt, qed jassumi li dejn mahluq kif imsemmi fl-artikolu 1324, huwa dejn tal-komunjoni, u huwa biss in subsidium li min holoq dak id-dejn ikun responsabbli ghalih bil-beni parafernali tieghu. Il-ligi holqot sistema fejn qed tipprova tibbilancja l-interess ta' kull min hu interessat. Minn naha l-wahda ghandek in-negozjant li, biex imexxi n-negozju tieghu fl-interess tal-komunjoni ta' l-akkwisti, m'ghandux ghalfejn ikaxkar lill-martu mieghu biex din takkumpanjah ghal kull att li jaghmel u t-terz jaf li avvolja qed jinnegozja mar-ragel biss, warajh hemm il-komunjoni. Il-mara, ftit jew wisq, qed tiehu riskju ghax tista' ssib il-komunjoni mghobbija b'pizijiet ta' natura straordinarja li ghalihom ma tatx il-kunsens. Kontra dan, però, ghandha mhux biss il-fakoltà li ccahhad lil zewgha milli jkompli jamministra l-komunjoni, taht l-artikolu 1325 tal-Kodici Civili, izda l-privilegg li tara li gidha parafernali ma jkunux jistghu jitmessu mill-kredituri tal-komunjoni, u dan peress li dak l-att inholoq taht l-artikolu 1324. Il-ligi, bl-artikolu 1324, holqot eccezzjoni ghar-regola li att straordinarju mahluq minn konsorti wiehed ma jippregudizkax il-komunjoni ta' l-akkwisti b'dan, però, li dik l-eccezzjoni*

*ma twassalx ghall-effetti kollha tar-regola generali, u cioè, li l-mizzewgin jaghmlu tajjeb in subsidium b'gidhom personali ghad-djun tal-komunjoni. Dejn maghmul ai termini ta' l-artikolu 1324, jorbot lill-komunjoni ta' l-akkwisti u in solidum il-beni parafernali ta' dak biss li ta lok ghal dak id-dejn. L-obbligazzjoni in kwistjoni hi, allura, mhux biss obbligazzjoni valida li holoq ir-ragel ai termini ta' l-artikolu 1324 tal-Kodici Civili, izda wkoll hi obbligazzjoni li torbot lill-komunjoni ta' l-akkwisti allura ezistenti bejn il-konjugi…*

Ghal kull buon fini jigi osservat illi ghalkem din is-sentenza giet in parte riformata mill-Qorti ta' l-Appell li kkonkludiet li l-ghoti ta' garanzija da parte ta' Direttur ta' kumpannija ghad-dejn ta' l-istess kumpannija – il-mertu ta' dawk il-proceduri – ma jikkostitwixxix att normali ta' gestjoni ta' negozju, kummerc jew professjoni, il-principji enuncjati mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili dwar it-tifsira ta' l-Artikolu 1324 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u l-effett ta' obbligazzjoni nascenti minn att normali ta' gestjoni ta' negozju, kummerc jew professjoni fuq il-komunjoni ta' l-akkwisti xorta wahda jiswew u ghandhom jigu ikkunsidrati w applikati fejn ikun qed jigi kkunsidrat jekk l-att mertu tal-proceduri jikkostitwixxix att normali ta' gestjoni ta' negozju, kummerc jew professjoni.

Fil-kaz in ezami jirrizulta li l-konvenuti Paul Azzopardi u Bernardette Azzopardi huma mizzewgin u fin-nuqqas ta' prova kuntrarja japplika dak dispost fl-Artikolu 1316(1) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u cioè li *z-zwieg li jsir f'Malta jgib ipso jure bejn il-mizzewgin, il-komunjoni ta' l-akkwisti, meta ma jkunx hemm ftehim xort' ohra b'att pubbliku*. Fid-dawl ta' dan ghalhekk fil-kaz in ezami u b'mod partikolari ghat-talba attrici ghar-refuzjoni tas-somma ta' Lm600 li thallset lill-konvenut Paul Azzopardi mill-attur akkont tal-valur tax-xoghol li kellu jigi esegwit, japplika dak appena osservat fir-rigward tar-responsabilità tal-komunjoni vis-à-vis it-terz kreditur ghad-djun rizultanti minn atti normali ta' gestjoni ta' kummerc, negozju jew professjoni ezercitata minn konjugi wiehed biss. Konsegwentement jirrizulta li l-konvenuta Bernardette Azzopardi *qua* mart il-konvenut Paul Azzopardi giet gustament u korrettament imharrka mill-attur.

L-attur jitlob ukoll il-hlas tad-danni minnu sofferti minhabba l-inadempjenza kontrattwali da parte tal-konvenut Paul Azzopardi fl-esekuzzjoni, jew ahjar non-esekuzzjoni, ta' l-appalt kummissjonat lilu. Fir-rigward ta' din it-talba partikolari japplika dak provdut fl-Artikolu 1327(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u cioè li kull dejn jew indenniz dovut bhala rimedju civili minn xi wahda mill-partijiet fiz-zwieg meta dak l-indennizz ma jkunx dovut bhala rimedju civili dwar reat li jkun sar bir-rieda, huwa dejn li jiggrava l-komunjoni ta' l-akkwisti. Fid-dawl ta' dan ghalhekk anke fir-rigward tat-talba ghall-hlas tad-danni l-attur, gustament u korrettament harrek lill-konvenuta Bernardette Azzopardi.

B'hekk l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti tirrizulta ghal kollox ingustifikata u bhala tali ghandha tigi michuda.

Fil-meritu l-konvenuti jilqaghu ghat-talbiet attrici bl-eccezzjoni li l-attur ma kellux raguni valida in bazi ghal liema jittermina l-appalt minnu moghti lill-konvenut Paul Azzopardi. Evidentement hawnhekk il-konvenuti qed jinvokaw dak provdut fl-Artikolu 1640 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, b'mod partikolari dak provdut fis-subartikolu (2) ta' l-imsemmi artikolu tal-Ligi: *(1) Min jaghti ix-xoghol jista' jholl, meta jrid, il-kuntratt, ghalkemm ix-xoghol ikun digà beda. (2) Jekk ma jkunx hemm*

*raguni valida biex iholl il-kuntratt, min jaghti ix-xoghol ghandu jhallas biss, lill-appaltatur l-ispejjez kollha u x-xoghol kollu tieghu flimkien ma' somma li tigi meqjusa mill-qorti, skond ic-cirkostanzi, izda mhux izjed mill-qligh li l-appaltatur seta' jaghmel b'dak l-appalt*. Kjarament in bazi ghal tali kontestazzjoni l-konvenuti jippretendu li huma ma ghandhom jaghtu xejn – la bhala refuzjoni u lanqas in linea ta' danni – lill-attur iktar u iktar meta fl-affidavit tieghu l-konvenut afferma li *x-xoghol kollu tieghi lli jiena ghamiltlu u kwazi lestejtlu kif spjegat fuq. B'kollox lest fil-post ix-xoghol kien jammonta ghal madwar erbat elef Lira Maltin (Lm4000)*[18].

Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghhom il-konvenuti jikkontendu li *jidher li l-unika data li tissemma' mill-attur hija dik ta' l-ahhar ta' Marzu bidu ta' April 2001, liema data tohrog mid-depozizzjoni ta' l-attur a fol. 13 tal-process. Dwar dan il-konvenut esponenti xehed a fol. 78 tal-process "ftehim bil-miktub ma ghamilniex. Dak iz-zmien giet stabbilita data però peress illi kont qed inbaghti minn dipressjoni x-xoghol ma tlestiex. Is-Sur Schranz gie l-garage, ra s-sitwazzjoni tieghi u kien anke ghadirni w anke tani xoghol iehor illi ma konniex ftehmna prezz fuqu, però ma konniex ftehmna fuq id-data meta kellu jitlesta". Hawn tajjeb illi jinghad illi lanqas l-attur stess ma xehed jew ahjar stabilixxa permezz tax-xhieda tieghu meta suppost jkun it-tieni deadline – u dana precizament ghaliex kif qal l-istess konvenut **<u>ma giet stabbilita l-ebda data!</u>**[19] Minn hawnhekk ix-xhieda mressqa mill-attur hija ghal kollox neboluza u kollox barra cara – aktar u aktar meta wiehed jara dak li xehed l-attur fil-kuntest ta' dak li xehed il-konvenut. Jirrizulta mill-provi prodotti illi ghal xi zmien l-attur kien jidher illi qed jghin lill-konvenut anke billi jiehdu jitlob u jaqra l-Bibbja mieghu u dana meta l-konvenut kien ghaddej minn mumenti ferm difficli. Però jidher illi f'mument minnhom waqghet il-maskra minn quddiem wicc l-attur u minflok spicca jinsolenta lill-konvenut bil-genituri tieghu u jsemmi anke lill-omm il-konvenut u l-qabar ta' missier il-konvenut! Huwa wkoll f'dan l-ambitu illi l-Qorti ghandha tara wkoll l-ewwel eccezzjoni li tressqet mill-konvenuti. Ghaliex qed jissemmew dawn id-dettalji? Dawn id-dettalji qed jissemmew precizament ghal fini ta' **<u>kredibilità ta' l-attur</u>**[20].*

Frankament il-Qorti ma tistax tifhem fejn iridu jaslu l-konvenuti b'dawn is-sottomissjonijiet u kif jippretendu li jezoneraw ruhhom minn kwalunkwe responsabilità vis-à-vis l-attur.

Jibda biex jigi osservat li l-fatt li bejn l-attur u l-konvenut ma kienx hemm ftehim bil-miktub ma jfissirx li b'daqshekk ma kienx hemm kuntratt ta' appalt validu ai termini tal-Ligi. In fatti huwa principju guridiku assodat illi l-Ligi ma titlobx li ftehim ta' appalt irid ikun bil-miktub biex ikun ighodd[21]. In kwantu rigwarda t-terminu ghall-esekuzzjoni ta' l-appalt, gie rikonoxxut minn entrambe l-partijiet kontendenti li ghax-xoghol originarjament kummissjonat mill-attur lill-konvenut kien gie miftiehem terminu entro liema l-istess kellu jigi esegwit, liema terminu però, *ex admissis*, ma giex rispettat u onorat mill-konvenut. F'tali rigward japplika dak provdut fl-Artikolu 1130(1) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u cioè li *jekk l-obbligazzjoni tkun li wiehed ghandu jaghti jew jaghmel, u fil-ftehim ikun giet stabbilit zmien, id-debitur jigi mqieghed in mora bl-eghluq biss ta' dak iz-zmien, bla*

[18] Affidavit tal-konvenut a fol. 108 u 109 tal-process.
[19] Enfasi u sottolinear tal-konvenut.
[20] Enfasi u sottolinear tal-konvenut.
[21] Victor Portelli v. Mark Psaila, Citaz. Nru. 1967/00 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Mejju 2003.

*hsara, ghal dawk li huma imghaxijiet imsemmijin fl-Artikolu 1141, tad-disposizzjonijiet ta' dak l-artikolu.*

Kien biss fir-rigward tax-xoghol ulterjuri kummissjonat mill-attur lill-konvenut li ma kienx gie miftiehem terminu entro liema l-istess kellu jigi esegwit[22] izda, fir-rigward xorta wahda japplika l-principju guridiku li *fejn ma jkunx inghata zmien lid-debitur ghat-twettiq ta' l-appalt, u l-appaltant ikun irid li dan jigi ezegwit, huwa mehtieg li l-appaltatur jinghata zmien specifiku b'att gudizzjarju qabel jista' jitqies hati ta' dewmien. Ma tiswa l-ebda ghamla ohra ta' talba mill-appaltant lill-appaltatur biex isehh dan*[23]. Dan il-principju huwa evidentement ibbazat fuq dak provdut fl-Artikolu 1130(2) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u cioè li *jekk fil-ftehim ma jkun gie stabbilit ebda zmien, jew jekk iz-zmien ikun jaghlaq wara l-mewt tad-debitur, id-debitur jew il-werriet tieghu ma jigix imqieghed in mora hlief wara li jigi msejjah b'att gudizzjarju.*

Fix-xhieda li ta waqt is-seduta tas-7 ta' Marzu 2007[24] l-attur iddikjara li wara certu ammont ta' zmien jistenna lill-konvenut biex jesegwixxi x-xoghol kummissjonat lilu *fl-ahhar ma flahtx iktar u mort ghand Avukat u ghaminillu Ittra Ufficjali bid-data 14 ta' Ottubru 2002 u cioè kwazi sena wara dik il-laqgha illi kelli mieghu f'Novembru* [fejn ftehmu dwar ix-xoghol ulterjuri li kellu jigi esegwit mill-konvenut]. *Wara din l-Ittra Ufficjali l-konvenut beda jaghmel xi haga u hadem fuq ix-xoghol illi kont ordnajtlu u kien kwazi lesta l-ewwel disa' bicciet u anke xi xoghol iehor, però ma kienux kompletati interament, kien ghad jonqos il-hgieg, cappetti u xi zebgha. Apparti wkoll xi finishings halli dawn ikunu jistghu joqghodu fil-post allokat ghalihom.* Il-konvenut fl-ebda stadju ma cahad li gie interpellat b'att gudizzjarju mill-attur sabiex jesegwixxi l-appalt moghti lilu u kif già osservat fir-rigward tax-xoghol originali huwa stess ammetta li ma kienx onora t-terminu lilu prefiss ghall-esekuzzjoni ta' l-istess. Mix-xhieda li ta l-konvenut waqt is-seduta tas-17 ta' Jannar 2008[25] jirrizulta li sas-sena 2005 ix-xoghol kummissjonat lilu mill-attur kienu ghadu mhux kompletat. In effetti huwa iddikjara li *xi xoghol ghamilt. Fil-fatt illum huwa tlett kwarti lest. Kull ma jonqos isir il-lostru u jitwahhlu c-cappetti. Dan ix-xoghol ghadu kollu ghandi. L-attur dejjem ried li x-xoghol jiehdu minghajr flus.*

Minn din ix-xhieda tal-konvenut u mill-provi l-ohra prodotti jirrizulta b'mod car li l-konvenut naqas milli jesegwixxi l-appalt lilu kummissjonat mill-attur u li ben erba' snin minn meta nghata l-inkarigu originali huwa kien ghadu ma ikkompletax tali xoghol tant illi l-ebda parti mix-xoghol ma giet installata fil-fond ta' l-attur. Ghalkemm il-konvenut jipprova jisposta l-attenzjoni tal-Qorti minn tali fatti billi jenfasizza fuq xi incidenti spjacevoli li seta' kien hemm bejnu u l-attur, ir-realtà tas-sitwazzjoni hi u tibqa' li huwa naqas milli jesegwixxi l-appalt moghti lilu mill-attur u allura, fil-fehma tal-Qorti, l-attur kellu altru milli raguni valida biex wara dekors apprezzabbli ta' zmien u minkejja diversi talbiet ghat-tlestija tax-xoghol, inkluz permezz ta' ittra ufficjali, huwa jittermina r-relazzjoni kontrattwali li kellu mal-konvenut.

---

[22] Vide xhieda ta' l-attur moghtija waqt is-seduta tas-7 ta' Marzu 2007, fol. 13 sa' 15 tal-process u xhieda moghtija mill-konvenut waqt is-seduta tas-17 ta' Jannar 2008, fol. 78 sa' 80 tal-process.
[23] Jesmar Valletta et v. Patrick Grech et, Citaz. Nru. 28/01 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-20 ta' Marzu 2003.
[24] Fol. 13 sa' 15 tal-process.
[25] Fol. 78 sa' 80 tal-process.

Fir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghal dak osservat mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza fl-ismijiet **Alcasons & Company Limited v. Tignè Development Company Limited et noe, Citaz. Nru. 1425/99** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Lulju 2004: *illi meta l-ligi issemmi "raguni valida" wiehed irid jifhem din il-frazi fid-dawl ta' l-imgieba ta' l-appaltatur waqt l-ezekuzzjoni ta' l-appalt. Trid tkun raguni li tolqot direttament it-twettiq tar-rabta kuntrattwali ta' l-appaltatur ma' l-appaltant fis-sens tal-prestazzjoni (jew nuqqas taghha) tieghu taht il-kuntratt ta' l-appalt. "Raguni tajba" ghall-finijiet ta' l-artikolu 1640 tal-Kodici Civili ma tistax tinftiehem bhala "tajba ghall-appaltant ghax hekk jaqbillu". Li kieku dawk il-kelmiet kellhom jitfissru b'dak il-mod, ikunu jgibu fix-xejn id-disposizzjonijiet ohrajn ta' l-istess artikolu dwar il-kumpens dovut lill-appaltatur.*

Ikkunsidrati l-fatti ta' dan il-kaz fid-dawl tal-principju guridiku enuncjat mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-imsemmija sentenza, jirrizulta evidenti li hawn l-attur ma agixxiex kif agixxa ghaliex hekk kien jaqbillu imma ghaliex l-imgieba tal-konvenut, ossia n-nuqqas ta' twettiq ta' l-obbligazzjonijiet minnu assunti fil-konfront ta' l-attur kienet tali li laqtghet direttament it-twettiq tar-rabta kuntrattwali li kien hemm bejniethom. B'hekk jigi ribadit li l-attur kellu raguni valida biex jittermina l-appalt moghti lill-konvenut.

Ghalkemm il-konvenut jikkontendi li huwa ma esegwiex l-appalt kummissjonat lilu mill-attur minhabba ragunijiet ta' sahha, u senjatament ghaliex kellu *depression*, il-Qorti tqis li din ma hijiex raguni valida biex tezonera lill-konvenuti mir-responsabilità taghhom versu l-attur jew inkella biex jigi determinat li l-attur ma kellux raguni valida biex jittermina tali appalt. Jekk il-konvenut ma kienx f'posizzjoni tali li jesegwixxi l-appalt lilu kummissjonat mill-attur, sitwazzjoni din li jidher li kienet già ezistenti meta gew ikkummissjonati x-xoghlijiet originali, huwa messu rrifjuta x-xoghol u mhux jacceta li jaghmlu izda imbaghad ma jesegix l-istess.

Fid-dawl ta' dan ghalhekk it-tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenuti tirrizulta ghal kollox ingustifikata u b'hekk ma jisthoqqx li tigi milqugha.

Fid-dawl ta' tal-konkluzzjoni li l-attur kellu raguni valida biex jittermina l-appalt moghti lill-konvenut, issir referenza ghal dak provdut fl-Artikolu 1640(3) u (4) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u cioè li: *(3) Jekk ikun hemm raguni valida biex iholl il-kuntratt, min jaghti x-xoghol ghandu jhallas biss lill-appaltatur somma li ma tkunx izjed mill-ispejjez ta' l-appaltatur u l-valur tax-xoghol, wara li jittiehed qies ta' l-utilità ta' dawk l-ispejjez u dak ix-xoghol lil min ikun ta x-xoghol kif ukoll id-danni li jkun sofra. (4) Kull somma moghtija bil-quddiem lill-appaltatur qabel ma l-kuntratt ikun inhall ghandha tigi applikata ghal dak dovut skond is-subartikolu (2) jew (3) u l-appaltatur ghandu jrodd lil min ikun ta x-xoghol kull eccess li jirrizulta.*

Fir-rigward tal-mod kif dak dispost fl-imsemmi provvedimenti tal-Ligi ghandu jigi applikat ssir referenza ghal dak osservat mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza fl-ismijiet **Jesmar Valletta et v. Patrick Grech et, Citaz. Nru. 28/01** deciza fl-20 ta' Marzu 2003: *ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' l-appalt, il-ligi tippreskrivi li, min jaghti l-appalt lil haddiehor, jista' jholl il-ftehim ukoll jekk ix-xoghol ikun inbeda. Minbarra dan, jekk il-kuntratt jinhall ghal raguni tajba, min jaghti x-xoghol huwa obbligat ihallas lill-appaltatur biss il-prezz tal-materjal li jkun intuza* ***fix-xoghol li jkun lahaq gie konsenjat lil, u mizmum minn, min jaghti x-***

***xoghol**, liema prezz jithallas minn xi hlas akkont li l-appaltant ikun wettaq bil-quddiem lill-appaltatur. Dan ghandu, min-naha tieghu, irodd lura lil min qabbdu jaghmel ix-xoghol dik il-parti mis-somma mhallsa lilu bil-quddiem li tkun tisboq il-prezz tax-xoghol li lahaq sar u l-materjal uzat **u** moghti lill-appaltant.*

Mill-imsemmija sentenza jirrizulta immedjatament evidenti li meta l-appaltant iholl kuntratt ta' appalt ghal raguni valida l-appaltatur ghandu dritt ghal hlas fuq ix-xoghol li jkun lahaq gie konsenjat lil u mizmum mill-appaltant. Fil-kaz in ezami però jinsab ammess mill-konvenut stess li huwa ma kkonsenja l-ebda parti mix-xoghol lilu kummissjonat mill-attur u in fatti waqt is-seduta tas-17 ta' Jannar 2008[26] huwa espressament iddikjara li ix-xoghol in kwistjoni ghadu kollu ghandu. B'hekk fil-kaz in ezami l-attur ma ghandu l-ebda obbligu li jhallas lill-konvenuti anzi, huma l-konvenuti li ghandhom jirrifondu lill-attur is-somma ta' Lm600, illum ekwivalenti ghal €1,397.62, li huwa hallas bhala akkont tal-prezz ta' l-appalt moghti lill-konvenut.

Fil-kaz in ezami l-attur jitlob ukoll li l-konvenuti jhallsuh id-danni li huwa sofra minhabba d-dewmien jew ahjar in-nuqqas ta' esekuzzjoni ta' l-appalt kummissjonat lill-konvenut. Huwa jikkontendi li ghandu jigi rifuz il-kera li huwa hallas ghall-fond fejn kien qed jirrispjedi tul iz-zmien meta l-konvenut kellu jesegwixxi x-xoghlijiet kummissjonati lilu kif ukoll il-hlasijiet li saru lill-Maltacom p.l.c. u lil Water Services Corporation ghall-utilitajiet installati fil-fond 40, Triq Vittorio Cassar, Birkirkara, li però ma setghax jintuza u jigi abitat minhabba n-nuqqas ta' esekuzzjoni ta' l-appalt da parte tal-konvenut.

Fir-rigward ta' talba ghad-danni da parte ta' l-appaltant *qua* l-parti li sofriet l-inadempjenza tal-parti l-ohra, ossia l-appaltatur, mill-gdid issir referenza ghal dak osservat mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza fl-ismijiet **Jesmar Valletta et v. Patrick Grech et:** *fejn jigri li min kellu jwettaq obbligazzjoni jonqos li jwettaqha jew ma jaghmilhiex fil-hin miftiehem, dan jista' jigi wkoll ikkundannat jaghmel tajjeb ghad-danni li jikkawza lill-kreditur tieghu, ukoll jekk dan in-nuqqas isehh minghajr mala fidi, sakemm id-debitur ma jsehhlux juri li n-nuqqas ta' twettiq ta' l-obbligazzjoni jew id-dewmien biex iwettaqha graw minhabba xi haga barranija li huwa ma kellux setgha fuqha, bhal fil-kaz ta' forza magguri jew accident.* Huwa evidenti ghalhekk li, salv ghall-prova ta' forza magguri jew accident, min jonqos li jwettaq obbligazzjoni huwa suggett ghall-hlas tad-danni sofferti mill-kreditur.

Fil-kaz in ezami l-konvenut ma sehhlux jipprova kawza estraneja ghall-fatt li huwa naqas milli jesegwixxi l-appalt kummissjonat lilu mill-attur. Apparte minn hekk, kif già iktar 'l fuq osservat ir-ragunijiet ta' sahha invokati mill-konvenut ma humiex, fil-fehma tal-Qorti, raguni sufficjenti li ghandha twassal ghall-ezoneru tal-konvenuti minn kwalunkwe responsabilità versu l-attur, iktar u iktar meta jirrizulta li l-konvenut già kellu xi problemi ta' sahha, ossia *depression*, fil-mument li accetta l-inkarigu minghand l-attur[27].

In kwantu rigwarda d-danni pretizi mill-attur il-Qorti hi tal-fehma li huwa ghandu dritt biss ghall-kera li hallas ghall-fond li kien qed jikri ghall-perijodu bejn Mejju

[26] Fol. 78 sa' 80 tal-process.
[27] Vide affidavit tal-konvenut a fol. 108 u 109 tal-process.

2001, li hija data li tigi wara l-perijodu ta' l-ahhar ta' Marzu/bidu ta' April 2001 meta skond l-istess attur kellu jigi esegwit ix-xoghol originarjament kummissjonat lill-konvenut, u Ottubru 2003, l-ahhar ricevuta esebita mill-attur u entro z-zmien meta r-relazzjoni kontrattwali bejniethom kienet ghadha vigenti, liema kera komplessivament tammonta ghal Lm2,240, illum ekwivalenti ghal €5,217.80[28]. Ghalkemm il-konvenut jipprova jargumenta li l-fond proprjetà ta' l-attur ma kienx abitabbli irrispettivament mill-fatt li x-xoghol kummissjonat lilu kien ghadu ma tlestiex, tali affermazzjoni giet kategorikament michuda mill-attur[29] u l-konvenut ma ressaq l-ebda prova tangibbli fir-rigward. B'hekk tali danni huma zgur dovuti mill-konvenuti lill-attur.

In kwantu rigwarda l-utilitajiet inkluzi mill-attur fil-pretensjoni tieghu ghad-danni, il-Qorti tosserva li dawn l-attur installahom a riskju esklussiv tieghu in kwantu huwa ghazel li jipprocedi bl-installazzjoni ta' l-istess fi zmien meta l-fond in kwistjoni ma kienx abitabbli. Ta din l-ghazla ta' l-attur zgur ma ghandhomx jirrispondu u wisq inqas ibaghtu l-konsegwenzi l-konvenuti.

B'hekk, filwaqt li l-Qorti ma taqbilx ma' l-eccezzjoni tal-konvenuti li l-pretensjonijiet attrici huma eccessivi, mhux reali u vessatorji[30], u konsegwentement tali eccezzjoni ghandha tigi michuda, tillikwida d-danni dovuti lill-attur mill-konvenuti fis-somma ta' €5,217.80.

Il-konvenuti jeccepixxu wkoll li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghaliex l-attur kien irrinunzja ghal kwalunkwe dritt u/jew pretensjoni li kellu jew seta' kellu rigwardanti l-appalt[31]. Fil-fehma tal-Qorti però tali eccezzjoni hija ghal kollox ingustifikata u bhala tali ghandha tigi michuda.

Apparte l-fatt li l-attur kategorikament jichad li huwa qatt irrinunzja ghad-drittijiet tieghu fil-konfront tal-konvenuti nascenti mill-appalt in kwistjoni, il-konvenuti kellhom l-oneru li jippruvaw b'mod sodisfacenti, anzi addirittura b'mod car u univoku, l-allegata rinunzja tad-drittijiet da parte ta' l-attur, prova li assolutament ma saritx fil-kaz in ezami.

Fir-rigward issir referenza ghal dak osservat mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza fl-ismijiet **Saviour Cilia et v. Theresa sive Tessie Mifsud pro et noe, Citaz. Nru. 314/96** deciza fis-16 ta' Ottubru 2009: *Kif inhu sew maghruf ir-rinunzja tista' tkun espressa jew tacita. Eskluz f'dan il-kaz l-ezistenza ta' xi dikjarazzjoni espressa, jokkorri ghall-effetti ta' rinunzja tacita ta' drittijiet illi mill-imgieba tal-pretendent ta' dritt tinsab insita, bla possibilita ta' xi interpretazzjoni diversa, il-volonta ` inekwivokabbli illi hu ma jridx jiggjova ruhu minn dak id-dritt. Fi kliem iehor, skond l-espressjoni ta' fehma f'gurisprudenza pacifika, ir-rinunzja ghandha tirrizulta minn fatti assolutament inkonciljabbli mal-konservazzjoni tad-dritt u b'mod li turi l-volonta ` preciza tar-rinunzjant. Ara b'ezemplari "**Paul Abela nomine -vs- Paul Azzopardi**", Appell Kummercjali, 30 ta' Mejju, 1952 u "**Michele Tabone et -vs- Emmanuele Sammut nomine**", Prim' Awla, Qorti Civili, 10 ta' Ottubru, 1950.*

---

[28] Dok. "BS3" sa' Dok. "BS14" a fol. 23 sa' fol. 34 tal-process.
[29] Xhieda moghtija mill-attur waqt is-seduta tal-21 ta' Marzu 2007, fol. 17 u 18 tal-process.
[30] Ir-raba' eccezzjoni sollevata mill-konvenuti.
[31] It-tielet eccezzjoni sollevata mill-konvenuti.

Applikat tali principju għall-fatti tal-każ in eżami bl-ebda mod ma jista' jiġi ikkunsidrat u wisq inqas konkluż li l-attur b'xi mod seta' irrinunzja għad-drittijiet tiegħu fil-konfront tal-konvenuti naxxenti mill-ftehim li kien hemm bejnu u l-konvenut Paul Azzopardi.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha sollevati mill-konvenuti, tilqa' t-talbiet attriċi u tikkundanna lill-konvenuti: (i) jirrifondu lill-attur is-somma ta' €1,397.62, ekwivalenti għal Lm600, minnu lilhom imħallsa għal xogħol ta' aperturi ta' l-injam, liema aperturi baqgħu ma ġewx ikkonsenjati lilu entro ż-żmien pattwit u minkejja interpellazzjoni permezz ta' Ittra Uffiċjali, bl-imgħax legali dekoribbli mill-15 ta' Lulju 2006, id-data tan-notifika tar-Rikors promotur lill-konvenuti, sad-data ta' l-effettiv pagament; **u** (ii) iħallsu lill-attur is-somma ta' €5,217.80 rappreżnetanti d-danni minnu sofferti minħabba l-inadempjenza kontrattwali da parte tagħhom peress li naqsu milli jikkonsenjaw l-aperturi ta' l-injam fiż-żmien pattwit, bl-imgħax legali dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza sad-data ta' l-effettiv pagament.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jibqgħu a kariku tal-konvenuti.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**